# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/63/UE

### tal-1 ta' Ġunju 2011

### li temenda, bl-iskop li tkun adattata għall-progress tekniku, id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KE [1], u b'mod partikolari, l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 98/70/KE tistipula speċifikazzjonijiet ambjentali kif ukoll metodi analitiċi għall-karburanti tal-petrol u d-diżil imqiegħda fis-suq.

(2) Dawk il-metodi analitiċi jirreferu għal ċertu standards stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Billi s-CEN issostitwixxa dawk l-istandards b'oħrajn ġodda minħabba l-progress tekniku, huwa xieraq li r-riferenzi jiġu adottati għal dawk l-istandards fl-Annessi I u II għad-Direttiva 98/70/KE.

(3) L-Anness III għad-Direttiva 98/70/KE jispeċifika d-deroga tal-pressjoni tal-fwar permessa għall-petrol li fih il-bijoetanol. Iċ-ċifri inklużi f'dak l-Anness huma mqarrba għat-tieni punt deċimali. L-istandard EN ISO (L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni) 4259:2006 jiddefinixxi r-regoli għat-tqarrib skont il-preċiżjoni tal-metodu tal-ittestjar u jirrikjedi t-tqarrib għall-ewwel punt deċimali. Għalhekk huwa xieraq li jiġu emendati ċ-ċifri stipulati fl-Anness III għad-Direttiva 98/70/KE skont il-każ.

(4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kwalità tal-Karburanti stabbilit bl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/70/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 98/70/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

[1] ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

(a) In-nota ta' qiegħ il-paġna 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"([1]) Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'EN 228:2008. L-Istati Membri jistgħu jadottaw il-metodu analitiku speċifikat minflok l-istandard EN 228:1999 jekk ikun jista' jintwera li jipprovdi għall-inqas l-istess eżattezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qed jissostitwixxi."

(b) In-nota ta' qiegħ il-paġna 6 hija sostitwita b'dan li ġej:

"([6]) Mono-alkoħols u eteri oħra b'punt finali ta' togħlija li ma jkunx ogħla minn dak iddikjarat fl-EN 228:2008.'

(2) Fl-Anness II, in-nota ta'qiegħ il-paġna 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"([1]) Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'EN 590:2009. L-Istati Membri jistgħu jadottaw il-metodu analitiku speċifikat minflok l-istandard EN 590:1999 jekk ikun jista' jintwera li jipprovdi għall-inqas l-istess eżattezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qed jissostitwixxi."

(3) L-Anness III huwa sostitwit mit-test stipulat fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet fi żmien 12-il xahar mill-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati bit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

*"ANNESS III*

**DEROGA TAL-PRESSJONI TAL-FWAR PERMESSA GĦAL PETROL LI FIH IL-BIJOETANOLI**

| Kontenut ta' bijoetanol (%v/v) | Rinunzja ta' pressjoni tal-fwar permessa (kPa) [1] |
|---|---|
| 0 | 0 |
| 1 | 3,7 |
| 2 | 6,0 |
| 3 | 7,2 |
| 4 | 7,8 |
| 5 | 8,0 |
| 6 | 8,0 |
| 7 | 7,9 |
| 8 | 7,9 |
| 9 | 7,8 |
| 10 | 7,8 |

[1] Il-valuri kkwotati fl-ispeċifikazzjoni huma 'valuri vera'. Fl-istabbiliment tal-limiti tal-valuri tagħhom, ġew applikati t-termini ta' EN ISO 4259:2006 'Prodotti taż-żejt - determinazzjoni u applikazzjoni ta' dejta ta' preċiżjoni fir-rigward ta' metodi tal-ittestjar' u fl-iffissar ta' valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero (R = riproduċibilità). Ir-riżultati ta' kejl individwali għandhom ikunu interpretati fuq il-bażi tal-kriterji deskritti f'EN ISO 4259:2006.

Ir-rinunzja tal-pressjoni tal-fwar permessa għall-kontenut intermedju ta' bijoetanol bejn il-valuri elenkati għandha tkun iddeterminata b'estrapolazzjoni f'linja dritta bejn il-kontenut tal-bijoetanol immedjatament fuq u dak immedjatament taħt il-valur intermedju."